A.L. 49 ta' l-1989

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSJUNARJI B'SETGĦA LI JAGĦTU ĠURAMENT (KAP. 79)

Regolamenti ta' l-1989 dwar Drittijiet li jinġabru mill-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 dwar Drittijiet li jinġabru mill-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fil-15 ta' Mejju, 1989.

Drittijiet.

2. Għandu jinġabar dritt ta' 50 ċenteżmu mill-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament għall-ħlif ta' *affidavits* u awtentikazzjoni ta' firem sakemm ma jkunx ġie xort'oħra preskritt xi dritt ieħor taħt xi liġi oħra.